ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 41 IL-ĦAMIS 16 TA' APRIL 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar il-Ħamis 16 ta' April 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, Antoine Saliba Haig, Margaret Mercieca u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Jason Busuttil infurmawh bil-miktub li ma setgħux jattendu għas-seduta peress li kellom impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Jason Busuttil ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**41/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 40**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 40 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 40 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 41/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2015

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2015
**b)** *Bank Payments* Marzu 2015.
**c)** *Petty Cash* Marzu 2015.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda.

**Ivvutaw Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 41/03 INFORMAZZJONI

**41/03/01** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** xtaqet tagħmel diskors ta' ringrazzjament peress li hija ma kkontestatx l-elezzjonijiet lokali. Hija semmiet li fl-14 il-sena li għamlet bħala Kunsilliera hija dejjem ħadmet ġenwinament għal Hal Qormi. **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** irringrazzjat lis-Sindki u kunsilliera kollha li ħadmet magħhom u lill-istaff filwaqt li awgurat li Kunsill ġdid jkompli jaħdem għal ġid ta' Ħal Qormi.

**41/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-kunsilliera kollha u lis-Segretarju Ezekuttiv u awgurat biex dawk li se jkunu eletti fil-granet li gejjin ikomplu jaħdmu għal ġid ta' Ħal Qormi u għar-residenti ta' din il-belt.

**41/03/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** irringrazzja wkoll lill-kunsilliera kollha u saħaq li ikun min ikun fil-minoranza fil-Kunsill għandu jikkopera mal-

maġġoranza kif għamel huwa u s-sħabu tul il-leġislatura passata u dan sabiex tingħata l-prijorita' lill-Ħal Qormi qabel kollox.

41/03/04 **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** sostna li fiż-żewġ leġislaturi li għamel bħala Kunsillier huwa ra dejjem avvanz pożittiv fil-Kunsill u jittama li l-Kunsill jibqa' b'din id-direzzjoni ottimista u jkompli jaħdem għal ġid ta' Ħal Qormi.

41/03/05 **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** irringrazzja lill-Kunsilliera tar-rispett li huma wrew lejn l-istaff u lejn il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv u iħares 'il quddiem biex il-kunsillier fil-leġislatura li jmiss ikun Kunsill maqgħud bħalma kien dan il-Kunsill u jaħdem b'għan wieħed għal ġid tal-istess Kunsill.

## 41/04 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-06:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.